MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 652/1997/1

**Elmo Insurance Services Limited in rappresentenza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata kemm bil-polza kif ukoll bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Victor J. Borg Enterprises Ltd., u l-istess Victor J. Borg Enterprises Ltd**

**vs**

**Joseph Bonnici**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun

kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et s-somma komplessiva ta' mija u seba' liri u hames centezmi (Lm107.05c) in kwantu ghal wiehed u erbghin lira u erbghin centezmu (Lm41.40c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited u in kwantu ghal hamsa u sittin lira hamsa u sittin centezmu (Lm65.65c) lis-socjeta' attrici Victor J. Borg Enterprises Ltd., in linea ta' danni , mill-konvenut kagunati u minnhom subiti, in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Lawrenz, Ghawdex, fl-1 ta' Settembru 1995, meta waqt li il-konvenut kien qed jirriversja l-vettura Nru L-9858 habat mal-vettura Nru X-4727, propjeta' ta' Victor J. Borg Enterprises Ltd., u misjuqa minn Wilfred Manfred Wolpert, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperijza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 1997, u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident in kwistjoni sehh b'tort u htija ta' Wilfred Manfred Wolpert li kien qed isuq il-vettura numru X-4727;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba fl-avviz tvarja minn dik li l-istess Elmo Insurance Services Limited ghamlet fl-ittra taghha datata 9 t'Awissu 1996;

3. Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz, kienu invouti is-segwenti vetturi:-

a) Dik appartenenti lis-socjeta attrici, Victor J Borg Enterprises Ltd u misjuqa min Wilfred Manfred Wolpert , bhala karozza tal-kiri numru X-4727. Jigi notat li s-sewwieq ta' din il-vettura, assikurata mas-socjeta "Elmo Insurance Services Ltd" ma giex prodott sabiex jixhed, presumibilment minhabba li di gja kien siefer minn Malta;

b) dik misjuqa mill-konvenut bin-numru L-9858.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel xhud li sar referenza ghax xhieda tieghu, hi WPS 160 Jacqueline Camilleri (fol 17 sa fol 24 tal-istess atti). Din esebit "in atti" kopja tal-iskizz (fol 19 ibid) kif ukoll tar-rapport (fol 22 sa fol 24 ibid) maghmulin in konnessjoni mal-istess incident li gara fil-Pjazza ta' San Lawrenz f'San Lawrenz gewwa Ghawdex. Dwar dan gie ukoll anness kopja tar-"road accident report" (fol 20 ibid).

Illi, in rigward dawn id-dokumenti, in vista li ma setax jigi prodott l-imsemmi Wilfred Manfred Wolpert ghar-raguni hawn fuq premessa ser jigi riprodott dak li hu stqarr "a caldo" kif risultanti mill-istess rapport (fol 23 u 24 ibid) liema stqarrija hi ammissibbli f'dawn il-proceduri f'nuqqas ta' prova ahjar disponibbli. Minn hawn jidher li dan il-barrani kien stqarr mal-Pulizija li "hu kien qed jsuq matul Triq San Lawrenz fid-direzzjoni tal-Pjazza bi "speed" baxx hafna b'vettura L-9858 tinsaq qablu, liema vettura baqghet diehla fil-Pjazza filwaqt li hu dar fuq ix-xellug meta f'daqqa, l-vettura l-ohra ghamlet ir-"reverse" u baqghet diehla go fih".

In rigward l-istess skizz, jigi notat li, fuqu hemm indikata vettura wahda biss, dik misjuqa mill-konvenut stante li dik misjuqa mill-imsemmi barrani kienet tnehhiet minn fuq il-post, u li, faccata il-Villa hemm indikata, hemm traccata vettura parkeggata. In rigward dan l-ahhar punt il-

konvenut kien cahad li, filfatt, kien hemm din il-vettura waqt li l-sitess barrani kien invista li kien hemm din il-vettura parkeggata fil-kantuniera (ara fol 24 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 45 sa fol 47 tal-atti) xehed li hu kien qed jsuq il-karozza numru L-9858 sabiex jmur lejn id-Dwejra. Meta wasal fil-pjazza ta' San Lawrenz fi kliemu stess "… kont qbist il-kantuniera li ddur maghha sabiex tiehu it-triq tad-Dwejra". Ghalhekk hu waqaf, hares fil-mera interna sabiex jara jekk kienx hemm vettura ohra warajh. Hawnhekk hu ingrana ir-"reverse" u rega' hares mill-mera. Kif, fi kliemu stess"…..irriversjajt zewg piedi", hu ra karozza gejja. Ghalhekk, rega' waqaf izda "hawnhekk hassejt daqqa mal-karozza tieghi". In rigward dan, il-konvenut kien irrimarka li kien ra s-sewwieq tal-vettura l-ohra "jirraguna ma ta' hdejh avolja kien f'distanza ta' mitt metru" . Inoltre hu kompla jghid , li l-karozza l-ohra ma kienetx qed tinsaq b'velocita' esagerata, li hu seta' minflok il-manuvra li beda jesegwixxi jdur mal-istess pjazza u jidhol fit-triq li tmur lejn id-Dwejra. In rigward l-iskizz imsemmi, hu semma li ma kienx jaqbel mieghu minhabba dak specifikat minnu a fol 47 ibid (ara id-dokument sottomess minnu a fol 48 ibid).

In rigward hsara hu kien osserva li l-vettura l-ohra kellha biss "ghafsa zghira … qiesha "one cent" antika".

Illi l-konvenut ipproduca bhala xhieda lill-ibnu Joseph Bonnici (fol 52 ibid) lil mart dan Carmela Bonnici (fol 56 ibid) kif ukoll lil mart l-istess konvenut Carmela Bonnici (fol 58 et seq ibid) li kienu fl-istess karozza misjuqa minnu. Filfatt fuq quddiem, kien hemm l-imsemmi ibnu waqt illi fuq wara kien hemm martu u ommu. Joseph Bonnici specifika li hu kien induna illi "….skorrejna din it-triq (lejn id-Dwejra) …." U , ghalhekk, missieri waqaf "madwar ghoxrin pied minn fejn hemm it-triq ghad-Dwejra". Bhala risultat ta' dan "missieri … irriversja ftit" (xi pied u nofs) izda waqaf peress li skond ma qallu missieru kienet gejja vettura ohra minn warajhom u f'dan il-waqt sema' lill-istess missieru jghid "naghtuh cans ha jghaddi" u "wara ftit

sema' d-daqqa". In rigward l-iskizz maghmul mill-Pulizija hu, ukoll, sostna li dan ma kienx preciz (ara fol 53 ibid).

In rigward Carmela Bonnici mart iben il-konvenut, din effettivament u fis-sustanza, irrepetet dak li xehed zewgha, bin il-konvenut kif ghamlet ukoll Carmela Bonnici mart il-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi dwar hsarat, li jidhru li kienu minimi fiz-zewg vetturi involuti, dan jinsabu deskritti a fol 23, fol 37 sa 41 kif ukoll a fol 47 tal-istess atti kif ukoll ir-ritratt a fol 60 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, wara li qieset dak kollu premess jidher car li l-konvenut minflok dar mal-pjazza u dahal fit-Triq li taghti lejn id-Dwejra, uza manuvra ohra li ma tantx kienet prudenti. Difatti hu iddecieda, kif filfatt ghamel, li jieqaf u jindjetregga sabiex jkun jista' jidhol fl-istess triq, semplicement billi jhares mill-mera interna sabiex jara jekk kienx hemm vetturi ohra gejjin minn warajh. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma hux sufficjenti in vista li, mill-mera, wiehed ma jistax jikkalkola, b'certa precisjoni, id-distanza bejn vettura u ohra kif ukoll jara dak li qed jigri fil-vicinanzi immedjati. Ghalhekk ir-responsabilita civili ghal dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-konvenut li ma uzax id-debita prudenza kif hawn fuq spjegat.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm107.05,0 u;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta Elmo Insurance Services Limited nomine is-

somma ta’ Lm41.40,0 u lis-socjeta Victor J Borg Enterprises Ltd, is-somma ta’ Lm65.65,0 bl-imghax legli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-17 ta’ Jannar 1997 u tal-1 ta’ April 1997 imsemmijin fl-istess avviz.”

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta’ l-ipotesi tal-ligi attinenti ghall-kaz. Huwa jikkontendi illi fil-mument tal-habta kien wieqaf u kien is-sewwieq l-iehor li dahal fih. Jissottometti konsegwentement in raguni ghal din il-posizzjoni tieghu illi gjaladarba si tratta minn “rear end collision” id-driver ta’ wara jiehu t-tort kollu.

Issa kif taraha din il-Qorti l-aggravju interpost ma hu xejn hlief rivizita ta’ l-apprezzament tal-provi. Kif bosta drabi ohra ribadit anke ghaliex hi gurisprudenza pacifika u kostanti l-qorti ta’ revizjoni normalment ma tindahalx hlief f’kazijiet eccezzjonali ta’ ingustizzja manifesta jew ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskretiva ta’ l-ewwel Qorti (“**Matteo Decesare –vs- Joseph Camilleri**”, Appell Civili, 8 ta’ Marzu 1989).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti dwar id-dinamika tal-habta, konsiderata fil-kumpless tal-fatti, ma jistax jitqies destitwit minn apprezzament korrett tal-provi u tal-applikazzjoni tal-ligi ghall-istess provi. Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

i. F’dan il-kaz id-determinazzjoni tar-responsabilita` tohrog minn certi indikaturi ta’ fatt u mir-res gestae kif oggettivament jirrizultaw. Fi kliem iehor dawk l-elementi accertati mill-provi li jikkompletaw il-kwadru tad-dinamika tal-incident.
ii. Primarjament fosthom id-daqqiet subiti miz-zewg vetturi li jillustraw sew il-fatt illi kontrarjament ghal dak sostenut mill-appellanti l-vettura tieghu kienet ‘in motion’ u mhux wieqfa. Dan huwa element qawwi ta’ prova certa.
iii. Hemm imbaghad il-fatt daqstant iehor lampanti illi l-konvenut kien lahaq skorra b’madwar ghoxrin (20) pied it-triq li kienet tikkonduci ghad-Dwejra u li fiha kien mahsub

li jmur. Ghalhekk mhux kredibbli illi skond il-versjoni koncertata tax-xhieda prodotta minnu illi huwa lahaq irriversja biss zewg (2) piedi qabel ma sar l-impatt mal-vettura l-ohra li kienet qed iddur biex tiehu l-via ghad-Dwejra.

iv. Huwa bil-wisq evidenti illi l-konvenut ma adoperax il-kawtela necessarja fil-process tal-indetreggjar tal-vettura tieghu u ma hax hsieb jiggwidaha fil-harsien tar-regolament li jammonixxi. “Do not reverse for a greater distance than is absolutely necessary (Reg 74 tal-‘Malta Highway Code’). Fuq kollox il-kondotta tar-‘reversing’ kienet tiddettalu prudenza massima u vigilanza kostanti. Kif ukoll ammonit “keep a good look out all the time you are moving backwards and always be ready to stop” (“Driving:The Department of Transport Manual” pag.112). Ara fir-rigward decizjoni fl-ismijiet “**Peter Attard –vs- Julian Gauci**, Prim’Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Jannar 1988.

Dan premess, din il-Qorti taghmel konsiderazzjoni ohra anke jekk din ma gietx sollevata bhala pregudizzjali mill-atturi appellati. L-Artikolu 228 (2) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi “ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta’ l-ewwel grad fil-kompetenza taghha nferjuri, meta l-valur tal-pretensjoni, stabbilit jew li jista’ jigi stabbilit skond l-artikoli 748 u 761, ma jkunx jiskorri mitejn lira, u l-kwestjoni fil-kawza ma tkunx dwar punt ta’ ligi maqtugh fis-sentenza ……”

Din il-Qorti thossha fid-dmir li tissolleva hi stess ‘ex ufficio’ din il-pregudizzjali billi si tratta minn kwestjoni ta’ ordni pubbliku li l-gudikant hu obbligat li jirrileva. L-ammont tad-danni reklamati u akkordati (Lm107.05,0) ma jeccedix il-mitejn Lira u dippju ma gie deciz l-ebda punt ta’ ligi.

Il-kliem tas-sentenza jrid jittiehed fil-kuntest taghha. Bhala fatt l-ewwel Qorti dehrilha illi l-konvenut uza manuvra ta’ reversing li ma kienetx prudenti. Din il-konkluzjoni hi bazata fuq kwestjoni ta’ fatti u l-apprezzament dwarhom. Kif intqal fid-decizjoni fl-ismijiet “**Angelo Cutajar –vs- Carmelo Camilleri**”, App. Sede Inferjuri, 1 ta’ Gunju

1964, "f'dan l-apprezzament tal-fatti ghab-bazi tal-provi ma jistax jinghad illi l-ewwel Qorti mxiet fuq xi presuppost legali zbaljat jew b'xi kriterju legali skorrett". Zied jigi aggunt illi jekk fis-sentenza "hemm "involuti" kwistjonijiet ta' dritt dan hu sempliciment fis-sens illi kull sentenza necessarjament tinvolvi l-applikazzjoni tal-ligi jew ta' principji legali ghall-fatti tal-kaz. L-ebda punt ta' ligi ma gie maqtugh fis-sentenza u fi kwalunkwe kaz il-ligi u l-principji applikati f'dan il-kaz huma ghal kollox korretti".

L-appellanti donnu jikkontendi illi hemm punt ta' ligi fis-sens li l-ewwel Qorti irrigettat il-provi offerti minnu u mix-xhieda minnu prodotti. Anke kieku dan kien il-kaz, dan ma huwiex punt ta' ligi diskuss u deciz fis-sentenza appellata, kif hekk trid il-ligi fl-artikolu citat. Ara sentenza fl-ismijiet "**Blanche Pace Bonello et –vs- Emmanuele Cordina**", Appell, Sede Inferjuri, 9 ta' Jannar 1960.

Ghaldaqstant is-sentenza appellata ma hijiex appellabbli ghaliex il-valur ma jilhaqx il-limitu senjat mil-ligi, u ma hemm l-ebda punt ta' ligi deciz fis-sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell interpost mill-konvenut bhala irritu u null billi s-sentenza kienet inappellabbli a sensu ta' l-Artikolu 228 (2) tal-Kap 12. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------